MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 372/2009

**A B C**

**-vs-**

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar id-29 ta’ Marzu 2005 fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, skond ic-certifikat hawn anness u mmarkat GHC 1;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal; E li llum ghandha hames (5) snin u F, li llum ghandu sena (1) u dan skond

ic-certifikati hawn annessi u mmarkati GHC 2 u GHC 3 rispettivament;

Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli u dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat u senjatament eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenta, u in subsidum ghaliex iz-zwieg tkisser irrevokabilment;

Illi kull tentattiv ghal rikonciljazzjoni jew separazzjoni bonarja bejn il-partijiet ma swew ghalxejn u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-odjerni proceduri;

Illi l-attrici kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Ottubru 2009, illi kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u esebita bhala Dok. GHC 4;

Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attrici;

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u ukoll sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq u l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill-konvenut;

Tillikwida u xxolji l-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Tordna u tikkonferma illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F tigi fdata esklussivament lill-attrici, salv kull dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas retta alimentari xierqa u adegwata lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri E u F.

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehemu fil-Kommunjoni tal-Akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess konvenut u favur l-attrici u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilha, u tiddikjara inoltre illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-attrici wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici.

Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Kommunjoni tal-Akkwisti f'zewg ishma illi ma jkunux ugwali in segwitu ghat-talbiet precedenti, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess.

Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.

Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha ossia C.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, D B ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob il-firda personali minn ma zewgha minhabba mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi. L-affidavit tal-istess rikorrenti huwa elenku shih ta' vjolenza, u mohqrija kemm fuq ir-rikorrenti nnifisha kif ukoll fuq iz-zewgt itfal taghhom. L-intimat mhux talli gab ruhu b'dan il-mod kiefer kontinwament mal-familja talli qatt ma pprovda ghall-bzonnijiet ta' martu u uliedu. Anzi, kompla jzid mal-problemi bil-vizzju tal-loghob. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma ssib ebda raguni biex ma tippronunzjax il-firda personali bejn din il-koppja u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Emmanuela Attard et vs Joseph Attard**", (deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000):

"*Kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettieh.*"

<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Il-komunjoni tal-akkwisti, f'dan iz-zwieg, tikkonsisti biss f'karozza, li taghha l-Qorti ma nghatat ebda hjiel ta' valur u dejn mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li issa jammonta ghal xi €7500. Dan kien originarjament jammonta ghal €10,000 izda s'issa dejjem thallsu ammonti akkont mill-mara. Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rimanenti ammonti dovuti ghandhom jithallsu mir-ragel u dan biex ipatti ghall-

ammonti mehudha lilha minn zewgha ghall-loghob tal-azzard kif ukoll bhala sehemha mill-valur tal-karozza li qieghda registrata f'isem ir-ragel u ser tibqa' ghandu. Ir-ragel ghandu jassumi ukoll il-kontijiet u djun kollha pendenti sal-lum, inkluz citazzjonijiet fuq il-karozza.

Kura u Kustodja

Il-kura u kustodja tal-ulied minuri qed tigi fdata f'idejn ommhom. Il-missier ma wera l-ebda xewqa li jarahom u, ukoll in vista tar-rapport tal-haddiema socjali tal-Agenzija Appogg, m'huwiex prezentement fl-interess taghhom li jiltaqghu mieghu.

Manteniment

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova dwar dan, la in relazzjoni mal-mara u lanqas mar-ragel. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti qieghda "arbitrio boni viri" tiffissa s-somma ta' hamsa u ghoxrin Ewro kull erba' gimghat li r-ragel ghandu jghaddi lil martu ghaliha u hamsa u ghoxrin Ewro kull erba' gimghat ohra ghal uliedhom. Dawn ghandhom jinqatghu direttament minn kwalunkwe dhul li ghandu r-ragel, anki mis-Servizzi Socjali. F'kaz li r-ragel jibda jahdem, dawn l-ammonti ghandhom jizdiedu ghal mitt Ewro kull wiehed rispettivament.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet attrici fis-sens illi:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E u F f'idejn ommhom A B C;

3. Tordna li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti tigi xjolta bil-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu intitolat "Komunjoni tal-Akkwisti" aktar 'il fuq;

4. Tordna li D B jghaddi lil martu ghaliha u ghal uliedhom is-somom stabbiliti aktar ‘il fuq fil-paragrafu intitolat “Manteniment”;

5. Tordna li jigu applikati fil-konfront ta’ D B l-effetti kontemplati fl-Artikoli 48, 51, 53 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez kollha jithallsu minn D B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------